Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-21 ta' Lulju, 2026

KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, għal:

Avviż Nru BLC 02/2026. Xogħlijiet fi Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan (Ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettronku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-21 ta' Lulju, 2026

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

21st July, 2026

ĦAL BALZAN LOCAL COUNCIL

The Ħal Balzan Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Ħal Balzan Local Council up to 11.00 a.m. on Friday, 21st August, 2026, for the:

Advt No. BLC 02/2026. Works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan (Re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

21st July, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1870

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2026, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-proprjetà li tikkonsisti minn appartament fit-tielet sular (second floor) inkluż żewġ kmamar tal-bejt (washroom) kif suġġetti għad-drittijiet favur terzi kif imsemmija iktar 'l isfel, u parti indiviża tal-komun. L-appartament huwa internament immarkat bin-numru tlieta (3) u bl-isem 'Redeemer Flat', u jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn il-faċċata, formanti minn kumpless ta' bini li jikkonsisti f'terran u garaxx fl-ewwel sular b'entratura privata, żewġ appartamenti sovrastanti fit-tieni sular u żewġ appartamenti fit-tielet sular, wieħed minn dawn tal-aħħar tnejn huwa l-appartament numru tlieta (3), aċċessibbli minn entratura komuni fl-ewwel sular li tinsab bejn il-pjan terran u l-garaxx, f'Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, l-imsemmi appartament huwa konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mil-Lvant ma' proprjetà tal-werrieta ta' Luigi Ellul u mill-Punent ma' proprjetà ta' Emanuel Spiteri, kif suġġett għaċ-ċens annwu

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 22nd June, 2026 on the application of Bank of Valletta p.l.c. C2833, Tuesday, 13th October, 2026, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The property which consists of an apartment on the second-floor level, including two washrooms, as subject to third party rights as mentioned hereunder, and the undivided share of the common area. The apartment is internally marked number three (3) and is named 'Redeemer Flat' and is situated on the left side when one looks towards the facade, forming part of a complex of building consisting of a ground floor and a garage at ground floor level with a private entrance, two apartments underlying the first floor and two apartments on the second floor, one of the latter two is the apartment number three (3), accessible from a common entrance at ground floor level, which is situated between the ground floor level and the garage, in Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, the said apartment is bounded on the south with the said street, east with property of the heirs of Luigi Ellul and west with property of Emanuel Spiteri, as subject to the

u perpetwu ta' €5.43 fis-sena, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u bl-arja.

Is-sehem indiviż tal-partijiet komuni u servizzi jikkonsisti minn entrata, tromba tat-taraġ u kamra fuq it-taraġ li tagħti aċċess għal bejt. It-taraġ ta' tliet sulari jibda mit-terran (aċċessibbli minn entrata/bieb ta' barra tal-komun), u jkompli sal-livell tal-bejt. L-appartament numru wieħed (1) u l-maisonette tal-pjan terran ukoll igawdu d-dritt li jinstallaw tank tal-ilma, aerial/satellita etc u dritt ta' aċċess għal tiswija u manutenzjoni għall-istess, fuq l-ogħla saqaf jew waħda mill-kmamar tal-ħasil.

L-appartament numru tlieta (3) għandu s-saqaf u l-ispazju tal-ajru kollu fejn it-terzi (sidien ta' appartament numru 1) għandhom dritt għal użu u aċċess inperpetwu għall-kamra tal-bejt ta' ċirka 12.87 metru kwadru u l-parti mill-bejt li hija l-parti diviża tal-istess proprjetà hija ta' ċirka 27.23 metru kwadru. Minħabba li l-arja hija żviluppabbli, il-fond jista' jiżdied b'sular ieħor, imma minħabba drittijiet tat-terzi, il-kmamar ta' fuq il-bejt eżistenti jridu jerġgħu jinbnew fuq is-saqaf tas-sular il-ġdid li jista' jinbena, u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono datat il-ħdax ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgħa (11.7.2007) u stmat li jiswa' mitejn u sittin elf ewro (€260,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Pace Brian (KI 385381M) u Pace Mary Fleur (KI 475679M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 45/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Lulju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

annual and perpetual ground rent of €5.43 each year, with all its rights and appurtenances, and with its airspace.

The undivided share of the common parts and services consists of an entrance, stairwell, and a room on the stairs giving access to the roof. The three flight stairs start from the ground floor (accessible from an entrance/common area front door) and continues till the roof level. The apartment number one (1) and the maisonette at ground floor level all enjoy the right to install a water tank, aerial/satellite, etc. and the right to access for repairs and maintenance of the same, on the highest roof or one of the washrooms.

The apartment number three (3) has the roof and all the airspace where the third parties (owners of apartment number 1) have the perpetual right of use and access to the washroom of approximately 12.87 square meters and part of the roof which is the divided part of the same property of approximately 27.23 square metres. Because the airspace is developable, the property may be developed by another floor, however because of third party rights, the existing washrooms on the roof shall be rebuilt on the roof of the new floor that may be built, and this as described in the acts of Notary Joseph Debono dated eleventh of July of the year two thousand and seven (11.7.2007) and is valued at two hundred and sixty thousand euro (€260,000).

The said tenement is the property of Pace Brian (ID 385381M) and Pace Mary Fleur (ID 475679M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 45/2020.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th July, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1871

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors ta' BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

a) Il-garaxx bla isem u bla numru internament immarkat bin-numru tnejn (2), flimkien ma' erba' (4) parkeġġi għal karozzi, internament immarkati bin-numri wieħed sa erbgħa (1-4), fil-livell tal-kantina (pjan sotterran), formanti parti mill-binja magħrufa bħala 'Geomar Court' aċċessibbli minn Triq il-Mitħna l-Qadima, il-Mellieħa. Flimkien mal-garaxx

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th June, 2026, on the application of BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C 41030), Thursday, 12th November, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

a) The garage without name and without number internally marked by number two (2), together with four (4) parking spaces, internally marked by numbers one till four (1-4), at basement level, forming part of a block known as 'Geomar Court' accessible from Triq il-Mitħna l-Qadima in Mellieħa. Together with the other garage in the same block,

l-ieħor fl-istess kumpless, il-garaxx u l-parkeġġi jinkludu sehem indiviż in pjena proprjetà tal-partijiet komuni inklużi r-rampa u d-drive in li minnhom huma aċċessibbli, u s-servizzi kollha maħsuba għal l-użu komuni u li huma suġġetti u jgawdu minn dawk is-servitujiet kollha naxxenti mill-pożizzjoni tagħhom, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa' mija u erbgħa u sittin elf ewro (€164,000);

b) Il-penthouse internament immarkat bin-numru ħamsa (5), sitwata fit-tielet sular, bl-arja sovraposta inkluża magħha, formanti parti mill-binja magħrufa bħala Geomar Court, aċċessibbli minn partijiet komuni li jinfdu direttament minn Triq it-Tagħam, il-Mellieħa u li jikkonsistu minn intrata, tromba tat-taraġ kif ukoll lift shaft battal, inkluż is-sehem indiviż in pjena proprjetà ta' dawk il-partijiet, servizzi u kumditajiet kollha, maħsuba għall-użu komuni, inklużi l-bieb prinċipali, l-entratura, il-kamra tal-intrata, l-għetiebi, it-turġien, u t-tromba u l-pjan relattiv, ix-xaftijiet il-lift u x-xaft relattiv u kif ukoll servizzi elettriċi, katusi, drains, sistemi tad-drenaġġ, u sistema tal-ilma tax-xita u li huma suġġetti u jgawdu minn dawk is-servitujiet kollha naxxenti mill-pożizzjoni tagħhom fil-binja, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, preżentament mikrija lil terzi, u stmata li tiswa' tliet mija u tmienja u tmenin elf ewro (€388,000).

L-imsemmija garaxx flimkien mal-parking spaces u l-penthouse jiffurmaw parti minn Geomar Court u li tikkonfina mill-Grigal ma' Triq it-Tagħam, mil-Lbiċ ma' Triq il-Mitħna l-Qadima u mill-Majjistral mal-fond fil-pjan terren u l-maisonette sovrapost, rispettivament bl-ismijiet 'My Nest' u 'Santa Rita'. Illi l-akkwist tad-dar fejn illum tinsab sitwata l-binja bl-isem Geomar Court sar permezz ta' kuntratt magħmul fl-Atti tan-Nutar Dott. Carmel Lia fis-7 ta' April, 1995.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Tarcam Company Ltd (C16852).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 41/2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Lulju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the garage and the parking spaces include the undivided share in the ownership of the common parts including the ramp and the drive in from which they are accessible, and all the services intended for the common use and as subject to and enjoying all those servitudes inherent in its position, free and unencumbered with all its rights and appurtenances, and is valued at one hundred and sixty four thousand euro (€164,000);

b) The penthouse internally numbered five (5), located on the third floor, including its overlying airspace, forming part of a block known as Geomar Court, accessible from the common parts that abuts directly onto Triq it-Tagħam, Mellieħa, and which consists of the entrance hall, the stairwell as well as the vacant lift shaft, including the undivided share in the ownership of all those parts, services and amenities intended for the common use, including the main door, entrance, entrance hall, doorsteps, stairs, staircase, stairwell, landings, shafts, lift and lift shaft, as well as the electric services, drains, drainage and rainwater system, as subject to and enjoying all those servitudes inherent in its position, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, presently rented to third parties and is valued at three hundred and eighty eight thousand euro (€388,000).

The said garage together with the parking spaces and the penthouse form part of Geomar Court and which is bounded on the northeast by Triq it-Tagħam, on the southwest by Triq il-Mitħna il-Qadima and on the northwest by the ground floor tenement and overlying maisonette known as 'My Nest' and 'Santa Rita' respectively. The acquisition of the house presently occupied by the building named Geomar Court was done by means of a contract in the Acts of Notary Dr Carmel Lia dated the 7th April, 1995.

The said tenement is the property of Tarcam Company Ltd (C16852).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 41/2025.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th July, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1872

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' April, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 248/2026, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Duncan Carstairs Leslie Drysdale, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika

By means of a decree of the 23rd April, 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 248/2026 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Duncan Carstairs Leslie Drysdale the following publication was

fil-konfront tal-intimat Duncan Carstairs Leslie Drysdale a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Jannar, 2026

Lil Duncan Carstairs Leslie Drysdale (passaport Ingliż numru 561362902) ta' 68, Triq San Franġisk, L-Isla

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,057.15, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000204863 ossija dwar il-fond bl-indirizz 68, Triq San Franġisk, L-Isla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ordered for the purpose of effecting service on the respondent Duncan Carstairs Leslie Drysdale in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th January, 2026

To Duncan Carstairs Leslie Drysdale (English passport number 561362902) of 68, Triq San Franġisk, Senglea

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,057.15, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 411000204863 regarding the premises with address 68, Triq San Franġisk, Senglea.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1873

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4697/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kis Gabriella, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kis Gabriella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 2nd December, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4697/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Kis Gabriella, the following publication for the purpose of service on the respondent Kis Gabriella was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 13 ta' Ottubru, 2025

Lil Kis Gabriella (KI 0159464A) ta' Alhambra, Fl 8B, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vinċenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €22,547.24 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 13th October, 2025

To Kis Gabriella (ID 0159464A) of Alhambra, Fl 8B, Triq it-Torri, Tas-Sliema

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vinċenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €22,547.24 representing amount due by you as Value Added Tax, according to the same Act.

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1874

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' April, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2377/2025, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Carlos Rodrigo Castillo Forero et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Carlos Rodrigo Castillo Forero u Rodrigo Alberto Londono Henao a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Carlos Rodrigo Castillo Forero (KI 0336100A) ta' St Paul's Crt, PH 4, Triq Mattew Pulis, Il-Gżira, u Rodrigo Alberto Londono Henao (KI 0365138A) bħala garanti in solidum ta' Central Gate, Fl. 33, Triq it-Torri, L-Imsida, fl-20 ta' Ġunju, 2025, United Acceptances Finance Limited (C360) ta' Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, tirreferi għal disa' (9) kambjali minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma tħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati dokumenti 11 sa 19.

By means of a decree of the 20th April, 2026, in the records of the judicial letter number 2377/2025, in the names United Acceptances Finance Limited vs Carlos Rodrigo Castillo Forero et, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Carlos Rodrigo Castillo Forero and Rodrigo Alberto Londono Henao in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Carlos Rodrigo Castillo Forero (ID 0336100A) of St Paul's Crt, PH 4, Triq Mattew Pulis, Gżira, and Rodrigo Alberto Londono Henao (ID 0365138A) as surety and in solidum of Central Gate, Fl. 33, Triq it-Torri, Msida, on the 20th June, 2025, United Acceptances Finance Limited (C360) of Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, refers to nine (9) bills of exchange, duly signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked Documents 11 to 19.

Is-soċjetà mittenti qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €1,359 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Notifika: Carlos Rodrigo Castillo Forero (KI 0336100A) ta' St Paul's Crt, PH 4, Triq Mattew Pulis, Il-Gżira, u Rodrigo Alberto Londono Henao (KI 0365138A) bħala garanti in solidum ta' Central Gate, Fl. 33, Triq it-Torri, L-Imsida

Reġistru tal- Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €1,359 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Notification: Carlos Rodrigo Castillo Forero (ID 0336100A) of St Paul's Crt, PH 4, Triq Mattew Pulis, Gżira, and Rodrigo Alberto Londono Henao (ID 0365138A) as surety and in solidum of Central Gate, Fl. 33, Triq it-Torri, Msida

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1875

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' April, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4117/2025, fl-ismijiet Tammam Aboubakr Salem Altubouli sive Tam Toboli noe vs Samantha Chetcuti, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Samantha Chetcuti a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Novembru, 2025

Lil Samantha Chetcuti (KI 201594M) ta' Harmonica Court, Flat 6, Triq John Delia, Ħaż-Żabbar

Permezz tal-preżenti Tammam Aboubakr Salem Altubouli sive Tam Toboli (KI 129539A) eżerċenti l-kummerċ bħala ITransport ta' 54B, Carrie, St Francis Street, Tas-Sliema, qed

By means of a decree of the 14th April, 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4117/2025 in the names Tammam Aboubakr Salem Altubouli sive Tam Toboli noe vs Samantha Chetcuti the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Samantha Chetcuti in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th November, 2025

To Samantha Chetcuti (ID 201594M) of Harmonica Court, Flt 6, Triq John Delia, Ħaż-Żabbar

By the present, Tammam Aboubakr Salem Altubouli sive Tam Toboli (ID 129539A) carrying on trade as ITransport of 54B, Carrie, St Francis Street, Tas-Sliema, is referring to

jagħmel referenza għal kambjala waħda numerata 1 minn 1 datata 7 ta' Ottubru, 2025, ta' €2,808.40 minnek debitament aċċettata li hija skaduta u mhux imħallsa, kopja ta' liema kambjala qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Illi l-mittenti qed jinterpellak sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti tħallsu s-somma ta' €2,808.40 dovuta fuq il-kambjala hawn fuq imsemmija. Di più, inti qed tiġi mitluba wkoll tħallas l-imgħax mill-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-ħlas effettiv.

Jekk inti ma tottemperax ruħek mal-kontenut ta' din l-ittra ufficjali entro t-terminu lilek hawn prefiss, se jittieħdu passi ulterjuri kontra tiegħek u dan kollu jsir mingħajr ebda preavviż ieħor u a spejjeż tiegħek, inkluż li jiġu ntavolati l-mandati opportuni.

Din l-intima qed issir għal finijiet u effetti kollha tal-liġi u speċjalment biex jirrendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli skont il-liġi a tenur tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qed tiġi infurmata wkoll, u dan kif rikjest mill-proviso ta' paragrafu (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tista' permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali titlob lill-Qorti kompetenti sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali hawn fuq imsemmija kollha jew f'parti minnhom u dan f'każ li topponi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew kambjali ma tkunx tiegħek jew tagħkom jew tal-mandatarju tiegħek jew tagħkom jew fejn għandek jew għandkom raġunijiet oħra gravi u validi biex topponu l-esekuzzjoni.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-ħlas effettiv

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

one bill of exchange numbered 1 from 1 dated 7th October, 2025, of €2,808.40 duly accepted by you which is out of date and not paid, a copy of which bill of exchange is here attached and marked as Doc. A.

That the interpellant calls upon you so that within two (2) days from the service of this judicial letter you pay the sum of €2,808.40 due on the bill of exchange above mentioned. Furthermore, you are also being asked to pay interest from the maturity of the bill of exchange till the date of effective payment.

If you do not abide with the contents of this judicial letter within the time given to you, further action will be taken against you and all this will be done without further notice and at your expense, including the filing of the opportune warrants.

This calling is being made for all intents and purposes of law and especially to render the said bills of exchange executable according to law in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

You are also being informed, and this as required by the proviso of paragraph (e) of Article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta, that by means of an application which has to be made within twenty (20) days from the service of this judicial letter you ask the competent Court to suspend the execution of all or part of the bill of exchange above mentioned and this in case you oppose the execution of the bill of exchange or bills of exchange due to that the signature on that bill of exchange or bills of exchange is not yours or yours or of your mandatary or yours or where you have or have other grave and valid reasons to oppose execution.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself

With costs and interest till the date of effective payment

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1876

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Edward Zammit (KI 166383M) u Emine Zammit (KI 225326L) għan-nom tagħhom u ta' binhom minuri, Mikhail Zammit (KI 0413219L) ippreżentaw rikors (numru 665/2026JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-Reġistru Pubbliku ta' Mikhail Zammit bin-numru 4132/2019 fir-Reġistru Pubbliku.

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Edward Zammit (ID 166383M) and Emine Zammit (ID 225326L) on their own behalf and on behalf of their minor son, Mikhail Zammit (ID 0413219L) filed an application (number 665/2026JVC) demanding the correction of the Birth Act of Public Registry of Mikhail Zammit numru 4132/2019 in the Public Registry.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 17 ta' Lulju, 2026

ANDREA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 17th of July, 2026

ANDREA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1877

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Ellen Marie Theresa Rymer O'Malley (KI 0036509A) ippreżentat rikors (numru 673/2026JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid bin-numru 5167/2013 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 17 ta' Lulju, 2026

ANDREA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Where as Ellen Marie Theresa Rymer O'Malley (ID 0036509) filed an application (673/2026JVC) demanding the correction of a Birth Act number 5167/2013 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 17th of July, 2026

ANDREA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1878

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Mejju, 2026, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5323/2025, fl-ismijiet Kelly Fenech vs MK Fintech Partners et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront MK Fintech Partners u Michael Kyprianou

By means of a decree of the 18th May, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 5323/2025, in the names Kelly Fenech vs MK Fintech partners, the following publication was ordered for the purpose of service on the respondent MK Fintech Partners

(Malta) Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' Novembru, 2025

Lil MK Fintech Partners Ltd (C94602), MK Buildings 115A, Level 0, Valley Road, Birkirkara
Michael Kyprianou (Malta) Ltd (C 60709) MK Business Centre 115A, Floor 2, Valley Road, Birkirkara
Dott. Justine Scerri Herrera

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Kelly Fenech, detentur tal-karta tal-identità numru 0248685M, jippremetti:

1. Illi hu kien impjegat mal-kumpanija MK Fintech Partners Ltd (C94602) b'kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2023;

2. Illi l-impjieg tiegħu kien ġie terminat abbużivament u illegalment b'ittra tas-17 ta' Jannar, 2024;

3. Illi hu pproċeda quddiem it-tribunal industrijali għal kumpens xieraq spettanti lilu u naxxenti mit-terminazzjoni illegali premessa;
4. Illi apparti minn hekk il-mittenti huwa kreditur tagħkom billi intom nqastu milli tħallsuh il-paga u kull kumpens ieħor dovut skont il-kuntratt ta' impjieg. Fost l-oħrajn, u dan mingħajr preġudizzju għal kull ammont spettanti lill-mittenti, intom għandkom tħallsu commissions fuq xogħol li l-kumpanija akkwistata bl-intervent tal-mittenti kif ukoll 40% tad-dħul li l-kumpanija rċeviet minn Keys Roles u dan skont l-artikolu 5.3 (a) u (b) tal-kuntratt ta' impjieg.

5. Illi noltre intom għandkom tħallsu lill-mittenti somma ekwivalenti għal-valur ta' 10% tal-ishma fil-kumpanija li hu intitolat għalihom.

Għaldaqstant, filwaqt li jġib dan kollu a konjizzjoni tagħkom, jinterpellakhom sabiex fi żmien erbat ijiem mill-lum tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tal-kumpens pattwit skont il-kuntratt bl-imgħaxijiet mid-data li l-ħlas sar dovut skont il-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skont il-liġi mingħajr ebda preavviż ieħor. Jirriserva id-drittijiet kollha tiegħu fil-konfront tagħkom.

Ħallsu ukoll l-ispejjeż tal-preżenti

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

and Michael Kyprianou (Malta) Ltd in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 27th November, 2025

To MK Fintech partners Ltd (C94602), MK Buildings 115A, Level 0, Valley Road, Birkirkara
Michael Kyprianou (Malta) Ltd (C 60709) MK Business Centre 115A, Floor 2, Valley Road, Birkirkara
Dr Justine Scerri Herrera

By means of this present judicial letter, Kelly Fenech, holder of identity card number 0248685M, requests:

1. That he was employed with the company MK Fintech Partners Ltd (C94602) by contract of the 1st January, 2023;

2. That his employment was abused and illegally terminated by letter of the 17th January, 2024;

3. That he proceeded before the Industrial Tribunal for the appropriate compensation due to him and resulting from the unlawful termination premised;
4. That apart from this the interpellant is your creditor as you failed to pay him the wages and any other compensation due according to the contract of employment. Amongst others, and this without prejudice to any amount due to the interpellant, you are to pay commissions on work that the company acquired through the intervention of the interpellant as well as 40% of the income that the company received from Keys Roles and this according to Article 5.3(a) and (b) of the contract of employment.

5. You are also to pay the interpellant a sum equivalent to the value of 10% of the shares in the company to which he is entitled.

Therefore, whilst bringing all this to your notice, calls upon you so that within four days from today you come forward for the liquidation and payment of the compensation agreed according to the contract with interests from the date that the payment became due according to the contract till the date of effective payment.

In default further steps according to law will be taken without further notice. Reserves all his rights against you.

Pay also the costs of this present

Registry of the Superior Courts, today 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1879

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4113/2024, fl-ismijiet Andrew Grima vs Daniel Azzopardi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Daniel Azzopardi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 9 ta' Settembru, 2024

Lil Daniel Azzopardi (KI 347682M) ta' 17, Palazzo Melita, Triq Melita, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti Andrew Grima (KI 4087779M) ta' 30, Dillmay, Triq il-Ħnejja, Tas-Sliema, filwaqt li jirreferik għall-kuntrtt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-27 ta' Ottubru, 2020, fl-atti tan-Nutar Dott. James Grech (Dok. A) fejn inti kkostitwejt ruħek veru ċert u likwidu debitur a favur iol-mittenti fis-somma ta' €113,289.86 bl-imgħaxijiet ta' 8% mid-data tal-imsemmi att pubbliku, sad-data tal-ħlas effettiv, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma sħiħa hawn fuq indikata bl-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed issir sabiex id-dejn fuq imsemmi fil-kuntratt pubblikat min-Nutar Dott. James Grech, jiġi reż eżekuttiv kontra tiegħek skont l-artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif int stess aċċettajt li jsir f'każ ta' morożita kif pattwit fl-imsemmi att pubbliku.

Fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ u immedjat, il-mittent se jesegwixxi kontra tiegħek it-titolu eżekuttiv tiegħu skont il-ligi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th June, 2026, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4113/2024, in the names Andrew Grima vs Daniel Azzopardi, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Daniel Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th September, 2024

To Daniel Azzopardi (ID 347682M) of 17, Palazzo Melita, Triq Melita, Valletta

By the present the Andrew Grima (KI 4087779M) ta' 30, Dillmay, Triq il-Ħnejja, Tas-Sliema, whilst referring to the deed of constitution of debt of the 27th October, 2020, in the records of Notary Dr James Grech (Doc. A) whereby you constituted yourself as true, certain and liquid debtor in favour of the interpellant in the sum of €113,289.86 with interest of 8% from the date of the said public deed, till the date of effective payment, calls upon you so that within two days you pay the whole sum above indicated with interests till the date of effective payment.

This judicial letter is being made so that the debt above mentioned in the contract published by Notary Dr James Grech, be rendered executable against you according to article 253(b) and 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta, as you accepted to be made in case of delay as agreed in the said public deed.

In default of full and immediate payment, the interpellant shall execute against you his executive title according to law.

So much so that you may know how to proceed

With costs

Registry of the Superior Courts, today 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1880

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 922/2026, fl-ismijiet Keith Grima vs l-Avukat Dott. Johann Debono, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-Avukat Dott. Johann Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 15th June, 2026, of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 922/2026, in the names Keith Grima vs Advocate Dr Johann Debono, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Advocate Dr Johann Debono in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 25 ta' Frar, 2026

Lill-Avukat Dr Johann Debono (466881M), 20, Triq Salvu Dimech, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Keith Grima (KI 359786M) ta' 296, Paulina Crt P/H 4, Triq it-Torri, Il-Mosta, jagħmel referenza għall-ammonti dovuti minnek, l-Avukat Dott. Johann Debono, a favur il-mittenti u dan fir-rigward ta' ftehim ta' skrittura privata datata 25 ta' Frar, 2015.

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2026, mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera (Għawdex), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 43/2026 FG fl-ismijiet 'John Farrugia et vs Sean Collins-Mc Carthy et' , ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti ta' Għawdex fid-19 ta' Jannar, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Sean Collins-Mc Carthy (passaport maħruġ mir-Repubblika tal-Irlanda, numru PV0538880) u Jessie Collins-Mc Carthy (passaport maħruġ mill-Istati Uniti tal-Amerika, numru A34753150) bl-indirizz Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, In-Nadur, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bord li Jirregola l-Kera (Għawdex)

Ittra Uffiċjali numbru 43/2026

It is hereby notified that by a decree issued on the 8th of June, 2026, by the Rent Regulation Board (Gozo), in the acts of judicial letter number 43/2026 FG in the names 'John Farrugia et vs Sean Collins-Mc Carthy et' , filed in the Registry of the Court of Gozo on the 19th of January, 2026, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification against the respondents Sean Collins-Mc Carthy (passport issued by the Republic of Ireland, number PV0538880) and Jessie Collins-Mc Carthy (passport issued by the United States of America, number A34753150) with the address Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, Nadur, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Rent Regulation Board (Gozo)

Judicial Letter number 43/2026

To: Sean Collins-Mc Carthy (passaport maħrug mir-Repubblika tal-Irlanda, numru PV0538880)

Jessie Collins-Mc Carthy (passaport maħrug mill-Istati Uniti tal-Amerika, numru A34753150)

Permezz tal-preżenti ittra, John Farrugia (KI 0636050M) u Ludgarda Farrugia (KI 712651M), ta' 21, Andromeda, Triq Ġorg Zammit, Ħal Qormi, fil-kwalità tagħhom ta' sidien tal-fond Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, In-Nadur, Għawdex, jagħmlu referenza għall-iskrittura privata ta' lokazzjoni datata 30 ta' April, 2025, fir-rigward tal-imsemmija proprjetà.

Fl-ewwel lok, permezz tal-preżenti ittra, intom qegħdin tiġu interpellati sabiex tħallsu, fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, is-somma globali ta' erbgħat elef, erba' mija u erbgħin ewro (€4,440) rappreżentanti l-ammont dovut bħala kera għax-xhur ta' Awwissu 2025 sa Jannar 2026, ikkalkulata fuq il-kera mensili ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) u dan skont l-iskrittura privata ta' lokazzjoni datata 30 ta' April, 2025, fir-rigward tal-imsemmija proprjetà – u bi tnaqqis inkluż, ta' darba biss, ta' sittin ewro (€60) li qed issir a bona volonta tal-mittenti għall-ispejjeż relatati ma' tindif wara tiswijiet fil-madum fil-fond – liema somma sal-lum għadha dovuta u mhux imħallsa.

Fit-tieni lok, intom qegħdin tiġu interpellati sabiex, fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data tan-notifika, tħallsu s-somma ta' erba' mija u disgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€439.46) rappreżentanti l-ammont globali dovut għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma għall-perjodu bejn l-14 ta' Lulju, 2025 sat-2 ta' Ottubru, 2025 – liema ammont sal-lum għadu mhux imħallas – u dan mingħajr preġudizzju għall-ammonti oħra li huma u/jew jistgħu jiġu dovuti minnkom għaż-żmien li intom tibqgħu tirrisjedu fih.

Nittama li intom tagħrfu tirrispettaw l-obbligi tagħkom, u li fin-nuqqas li intom tagħmlu l-ħlas fuq indikat saż-żmien lilkom mogħti, il-mittenti jirriżervaw id-drittijiet li għandhom sabiex jipproteġu l-interessi u d-dmirijiet tagħhom, inkluż bl-istituzzjoni ta' kawża għat-terminazzjoni tal-iskrittura privata datata 30 ta' April, 2025, l-eventwali danni u/jew żgumbrament tagħkom mill-fond fuq imsemmi u bl-ispedizzjoni tal-mandati opportuni, u dan mingħajar ebda pre avviż ieħor.

Il-mittenti jiddikjaraw illi din l-ittra qiegħda tintbagħat skont il-liġi a tenur tal-artiklu 1570 ta' Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi addizjonalment mas-su espost, u filwaqt li ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati mogħtija nnar l-4 ta' Diċembru, 2025, u dan wara l-ilment tal-mittenti kontrikom, intom qegħdin

To: Sean Collins-Mc Carthy (passport issued by the Republic of Ireland, number PV0538880)

Jessie Collins-Mc Carthy (passport issued by the United States of America, number A34753150)

By means of this letter, John Farrugia (ID No. 0636050M) and Ludgarda Farrugia (ID No. 712651M), of 21, Andromeda, Triq Ġorġ Zammit, Ħal Qormi, in their capacity as owners of the premises Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, Nadur, Gozo, make reference to the residential private lease agreement dated 30th April, 2025, in relation to the said property.

Firstly, by means of this letter, you are hereby formalled called upon to pay, within fifteen (15) days from the date of service of this letter, the global sum of four thousand four hundred and forty euro (€4,440), representing the amount due as rent for the months from August 2025 to January 2026, calculated on a monthly rent of seven hundred and fifty euro (€750) in accordance with the residential private lease agreement dated 30th April, 2025, in respect of the said property – inclusive of a one-time deduction of sixty euro (€60), granted by the senders as good will for expenses related to cleaning following repairs to the tiling in the property – which sum to date remains due and unpaid.

Secondly, you are hereby formally called upon to pay, within fifteen (15) days from the date of service, the sum of four hundred and thirty-nine euro and forty-six cents (€439.46), representing the total amount due for the payment of electricity and water bills for the period between 14th July, 2025 and 2nd October, 2025 – which amount to date remains unpaid – and this without prejudice to any other amounts that are and/or may become due by you for as long as you continue to reside therin.

It is hoped that you will see fit to respect your obligations, failing which – should payment not be effected as indicated within the time granted – the senders reserve all rights to protect their interests and rights, including the institution of legal proceedings for the termination of the private deed dated 30th April, 2025, any eventual damages and/or your eviction from the abovementioned premises, together with the issuance of the appropriate warrants, and this without any further prior notice.

The senders declare that this letter is being sent in accordance with the law, pursuant to Article 1570 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Furthermore, and in addition to the above, and with reference to the decision of the Private Residential Leases Arbitration Panel delivered on the 4th December, 2025, following the complaint filed by the senders against you,

tiġu interpellati sabiex taderixxu ruħkom ma' tali deċiżjoni, u li fin-nuqqs, il-mittenti ma jkollhom ebda triq oħra ħlief li jipproċedu ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż u interessi, inkluż tal-preżenti kontra tagħkom.

(iff.) L-Av. Darren Carabott, Valletta Legal, 4, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta

(iff.) L-Av. Cristina Schembri, Valletta Legal, 4, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta

(iff.) PL Davina Sullivan

Notifika: Sean Collins-Mc Carthy ta' Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, In-Nadur, Għawdex
Jessie Collins-Mc Carthy ta' Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, In-Nadur, Għawdex

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 17 ta' Lulju, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

you are hereby formally called upon to comply with said decision, failing which the senders shall have no alternative but to proceed further according to law.

So that you may regulate your conduct accordingly.

With costs and interest, including those of the present proceedings, against you.

(sgd) Adv. Darren Carabott, Valletta Legal, 4, Triq Sant'Andrija, Valletta

(sgd) Adv. Cristina Schembri, Valletta Legal, 4, Triq Sant'Andrija, Valletta

(sgd) PL Davina Sullivan

Service: Sean Collins-Mc Carthy of Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, Nadur, Gozo
Jessie Collins-Mc Carthy of Daħlet Qorrot Court, Apt 4, Triq Ġużè Ellul Mercer, Nadur, Gozo

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This, 17th of July, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1897

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-17 ta' Lulju, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-17 ta' Lulju, 2026, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-suċċessuri mhux magħrufa tal-entità 'Università', u dan fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens, liema ċedola ġġib in-numru 218/2026 NB fl-ismijiet 'Rita Portelli et vs Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lis-suċċessuri mhux magħrufa tal-entita` 'Università' intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola ppreżentata fl-10 ta' Lulju, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 17th of July, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 17th of July, 2026, it was ordered that a deputy curator be appointed according to law to represent the unknown successors of the entity 'Universita`' and this in the acts of the schedule of deposit and redemption of ground rent, bearing number 218/2026 NB, in the names 'Rita Portelli et vs Deputy Curator representing the unknown successors of the entity 'Universita`'' entitled to receive the annual and perpetual ground rent indicated in the said schedule of deposit filed on the 10th of July, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, as well as in all other related and subsequent acts.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Il-fond bin-numru erbgħa (4) fi Triq id-Duru, In-Nadur, Għawdex, drabi oħra magħrufa Ta' Ħida' tal-kejl ċirka tmien mija u wieħed u tletin metru kwadru (831mk) u dan hekk kif jidher aħjar fuq il-pjanta annessa mal-istess ċedola u mmarkata Dokument 'A' liema proprjetà hija suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' erba' xelini u seba' soldi u sitt ħabbiet piż ta' Università kull tliet snin ekwivalenti għal ħamsa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (0.55c).

Illi r-rikorrenti akkwistaw din il-proprjetà mill-wirt tal-antenati tagħhom Pawlu u Carmena Sammut, liema proprjetà l-konjuġi Sammut akkwistaw permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u erbgħin (1948), liema kuntratt huma anness mal-istess ċedola u mmarkat Dokument 'B';

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kapitlu sittax (16) tal-Kodiċi Ċivili u jifdu ċ-ċens;

Illi s-somma ta' ċens ta' ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€0.55) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal ħdax-il ewro (€11);

Illi sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà l-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw ħames annata ta' ċens ammontabbli għal żewġ ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€2.75).

Għaldaqstant l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' tlettax-il ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€13.75) sabiex jifdu ċ-ċens tal-proprjetà bin-numru erbgħa (4) fi Triq id-Duru, In-Nadur, Għawdex, drabi oħra magħrufa 'Ta' Ħida' tal-kejl ċirka tmien mija u wieħed u tletin metru kwadru u dan sabiex din tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimat wara li titħalla d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

The immovable property subject to this schedule of deposit is:

The property bearing number four (4) in Triq id-Duru, Nadur, Gozo, also known as 'Ta' Ħida' measuring approximately eight hundred and thirty-one square metres (831m²), as more clearly shown on the plan attached to the said schedule of deposit and marked Document 'A' which property is subject to an annual and perpetual ground rent of four shillings, seven pence and six farthing payable to the Università every three years, equivalent to fifty-five euro cents (€0.55).

That the applicants acquired this property through inheritance from their ancestors Pawlu and Carmena Sammut, which property the Sammut spouses had acquired via a deed of partition dated the 23rd of January 1948, which deed is attached to the said schedule of deposit and marked Document 'B';

The applicants wish to avail themselves of the right granted by Article 1501 of Chapter 16 of the Civil Code to redeem the ground rent;

That the sum of ground rent of fifty-five cents (€0.55), capitalized at five per cent (5%), amounts to eleven euro (€11);

That in order to release themselves of all liability, the applicants are also depositing five years' worth of ground rent, amounting to two euro and seventy-five cents (€2.75).

Therefore, in order to release themselves of all liability, the applicants are having recourse to this Honourable Court and, under its authority, are depositing the sum of thirteen euro and seventy-five cents (€13.75) to redeem the ground rent on the property numbered four (4) in Triq id-Duru, Nadur, Gozo, also known as Ta' Ħida', measuring approximately eight hundred and thirty-one square metres and this is being done so that the said sum may be freely withdrawn by the respondent upon tendering due receipt.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Noel Bartolo BA, MA (Fin. Serv.), LLD, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 17 ta' Lulju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Noel Bartolo, BA, MA (Fin. Serv.), LLD, a Magistrate of the aforementioned Court.

This 17th of July, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1898

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2025 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3338/2025, fl-ismijiet Sarah Ciantar Testaferrata Moroni Vianni vs Nathaniel Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Nathaniel Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 22 ta' Lulju, 2025

Lil Nathaniel Borg (485589M), Tas-Sellum Res. Block 1, P/H 142, Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa

Permezz tal-preżenti, Sarah Ciantar Testaferrata Moroni Vianni, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 543586M, tagħmel referenza għall-kuntratt ta' appalt iffirmat minnek fit-2 ta' Settembru, 2021, hawn anness u mmarkat Dok. A, permezz ta' liem, inti assumejt diversi obbligazzjonijiet u ċoè li twettaq diversi xogħlijiet fil-fond tal-mittenti, liema xogħlijiet kellhom isiru skont it-termini tal-istess skrittura, b'dan illi kellhom jiġu kompletati sa mhux aktar tard minn disgħin (90) jum tax-xogħol mit-13 ta' Settembru, 2021, ossija sa mhux aktar tard mill-20 ta' Jannar, 2022, u dan ai termini tal-klawsola 3 tal-imsemmi ftehim.

Illi fl-ewwel lok, il-mittenti infurmak formalment illi qiegħda żżommok personalment responsabbli għall-obligazzjonijiet assunti fl-imsemmi kuntratt ta' appalt minħabba l-fatt illi 'FGI Future Green International Limited', li kienet allegatament rappreżentata minnek fuq il-ftehim surriferit, ma teżistix, qatt ma ġiet inkorporata u għalhekk m'ghandha l-ebda personalità ġuridika. Għaldaqstant, ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u tal-iskrittura surriferita, inti kont, u għadek, personalment responsabbli, sa mid-data tal-ftehim, għat-twettiq tal-obbligi kollha li hemm patwiti u, per konsegwenza, qed tinżamm ukoll responsabbli għal kwalunkwe danni illi ġew ikkaġunati tramite l-aġir imsemmi

By means of a decree of the 7th November 2025 of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 3338/2025, in the names Sarah Ciantar Testaferrata Moroni Vianni vs Nathaniel Borg, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Nathaniel Borg in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 22nd July, 2025

To Nathaniel Borg (485589M), Tas-Sellum Res. Block 1, P/H 142, Dawret it-Tunnara, Mellieħa

By the present, Sarah Ciantar Testaferrata Moroni Vianni, holder of identity card number 543586M, makes reference to the contract of works signed by you on the 2nd September, 2021, here attached and marked Doc. A, by means of which, you assumed various obligations and namely to carry out various works in the premises of the interpellant, which works had to be carried out according to the terms of the same contract, amongst which the condition that the works had to be completed by not later than ninety (90) working days from 13th September, 2021, and namely by not later than 20th January, 2022, and this in terms of clause 3 of the said agreement.

That in the first place, the interpellant formally informed you that she is holding you personally responsible for the obligations assumed in the said contract of works due to the fact that 'FGI Future Green International Limited', which was allegedly represented by you on the contract abovementioned, does not exist, has never been incorporated and thus has no legal personality. Therefore, for all intents and purposes of law and of the contract above mentioned, you were, and you are, personally responsible, as from the date of the contract, for the fulfilment of all the obligations that are agreed upon and, as a consequence, you are also being held responsible for any damages caused by your said

tiegħek jew kwalunkwe subappaltatur li seta' ġie inkarigat minnek;

Illi di fatti, jagħti l-każ li x-xogħlijiet mertu tal-kuntratt ta' appalt surriferit ma tlestewx entro t-terminu miftiehem u agħar minn hekk, uħud minn dawn ix-xogħljet baqgħu qatt ma ġew kompletati. Inoltre, diversi xogħlijet ġew eżegwiti mhux skont s-sengħa l-arti, b'dan illi l-istess xogħlijiet huma difettużi u jeħtieġ jiġu rimpjazzati jew radirazziti skont il-każ;

Ill insegwitu għal dan, saru serje ta' tentattivi sussegwenti mill-aġenti, rappreżentanti jew subappaltaturi, tiegħek sabiex jiġu rimedjati l-istess difetti, liema tentattivi mhux biss komplew jaggravaw l-istess xogħlijiet iżda addirittura kkawżaw aktar ħsarat;

Illi in vista tas-su espost, diversi xogħlijiet li kellhom jiġu eżegwiti ai termini tal-kuntratt de quo twettqu bi ksur tal-obbligi naxxenti mill-istess kuntratt in mertu, inter alia dawk l-obbligi riżultanti mill-klawsoli 1, 3, 8.1, u 20. F'dan il-kuntest issir referenza wkoll għal klawsola 6.1, fejn inti assumejt r-riskji u r-responsabbiltajiet assoċjati max-xogħlijiet assenjati tramite l-istess ftehim, u l-klawsola 13.5, fejn ġew garantiti x-xogħljet imwettqa għall-perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tat-tlestija tagħhom;

Illi b'konsegwenza tan-nuqqasijiet tiegħek fl-esekuzzjoni tal-appalt, il-mittenti soffriet danni inġenti konsistenti inter alia (i) fil-valur tax-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex ix-xogħlijiet mertu tal-appalt inkwistjoni jiġu kompletati, kif ukoll (ii) il-valur tax-xogħlijiet neċessarji sabiex jiġu radrizzati dawk ix-xogħlijiet li ma ġewx imwettqa skont s-sengħa u l-arti, u (iii) il-valur tax-xogħlijiet meħtiega sabiex jiġu rimedjati l-ħsarat rekati fil-proprjetà tal-mittenti, liema danni għad iridu jiġu likwidati.

Barra minn hekk, in linea mal-kuntratt ta' appalt de quo u qabel ma seħħew l-indampjenzi surriferiti, il-mittenti kienet għamlet serje ta' ħlasijiet – akkont tal-prezz globali stipulat fil-kuntratt ta' appalt – fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u disgħin elf, tmien mija u wieħed u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu (€98,821.20), liema ħlasijiet saru lil persuni terzi kif kienet diretta tagħmel il-mittenti, liema persuni terzi kienu qed jikkordinaw l-esekuzzjoni tax-xogħol mertu tal-appalt. Inkwantu dawn l-ħlasijiet saru għal xogħlijiet li kont inkarigat bihom inti ai termini tal-iskrittura de quo u kif ukoll skont il-liġi, il-mittenti qiegħda żżommok formalment responsabbli għar-rifużjoni tal-ammont surriferit għar-raġunjiet ġja premessi.

Għalhekk, fid-dawl tas-su espost, il-mittenti qiegħda formalment tinterpellak sabiex tersaq għar-rifużjoni tal-pagamenti kollha magħmula mill-mittenti akkont ta' xogħlijiet li ma twettqux jew li ma sarux skont is-sengħa

conduct or any subcontractor that may have been entrusted by you;

That in fact, it is the case that the works subject matter of the contract of works above mentioned were not completed within the agreed term and worse than this, some of these works have never been completed. In addition, various works were executed not according to art, in such a way that the same works are defective and need to be replaced or rectified as the case may be;

Following this, a series of subsequent attempts were made by your agents, representatives or subcontractors to remedy the same defects, which attempts not only aggravated the same works but also caused further damage;

That in view of the above, various works which had to be executed in terms of the contract de quo were carried out in breach of the obligations resulting from the same contract, inter alia those obligations resulting from clauses 1, 3, 8.1, and 20. In this context reference is also made to clause 6.1, where you assumed the risks and responsibilities associated with the tasks assigned under the same agreement, and clause 13.5, where the works were warranted for a period of 5 years from the date of their completion;

That as a consequence of your shortcomings in the execution of the contract, the interpellant suffered substantial damages consisting inter alia (i) in the value of all the works necessary for the completion of the works merit of the contract in question, as well as (ii) the value of the works necessary to remedy those works which were not carried out according to the trade and art, and (iii) the value of the works necessary to remedy the damages caused. in the property of the interpellant, which damages have yet to be liquidated.

Furthermore, in terms of the contract of works de quo and before the above mentioned works took place, the interpellant had made a series of payments – on account of the global price stipulated in the contract of works – in the overall amount of ninety eight thousand, eight hundred and twenty one euro and twenty cents (€98,821.20), which payments were made to third parties as directed by the interpellant, which third parties were co-ordinating the execution of the work subject matter of the contract. As far as these payments were made for works you were entrusted with in terms of the writing de quo and also according to law, the interpellant is holding you formally responsible for the refund of the amount above mentioned for the reasons above premised.

Therefore , in the light of the above, the interpellant is formally calling upon you to refund of all the payments made by the interpellant on account of works which were not carried out or which were not carried out according

u l-arti. Inoltre, il-mittenti tinterpellak ukoll sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha rekati lilha b'konsegwenza tal-aġir u l-inadempjenzi kuntrattwali tiegħek fl-esekuzzjoni tal-appalt de quo, u dan sa mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mid-data li int tiġi notifikat b'din l-ittra uffiċjali.

F'każ illi tonqos milli taderixxi mal-premess, il-mittenti qiegħda minn issa tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha skont il-liġi u tavżak illi se tipproċedi ulterjorment fil-konfront tiegħek, inkluż bil-mandati kollha opportuni, u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Din l-ittra qed tintbagħat ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kap.12 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż iżda mhux limitatament ai finijiet t'interruzjoni ta' preskrizzjoni, u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ieħor spettanti lill-mittenti inter ala fir-rigward ta' kwalunkwe danni u/jew ammonti ohra li jistgħu jkunu dovuti minnek.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-interessi skont il-liġi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

to the trade and art. Furthermore, the interpellant solicits you to come forward to the liquidation and payment of all damages caused to her as a consequence of your contractual behaviour and defaults in the execution of the contract de quo, and this by not later than seven (7) days from the date you are notified with this judicial letter.

In case you fail to abide with the above, the interpellant is from now reserving all its rights according to law and warns you that it shall proceed further against you, including with all the opportune warrants, and this without further notice.

This letter is being sent in terms of the relative articles of Cap.s12 and 16 of the Laws of Malta, including but not limitedly for the purposes of interrupting prescription, and this without prejudice to any other right due to the interpellant inter alia as regards any damages and/or other amounts that may be due by you.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself

With costs and interests according to law

Registry of the Superior Courts, on the day 17th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1899

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2025, fuq talba ta' Robert Risso et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji u subdirettarji mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1293/2025 fl-ismijiet Robert Risso et vs Sylvia Borg et u Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu, u kontestwali fidi ta' ċens numru 1293/2025 fl-ismijiet Robert Risso, iben Louis u Maria Dolores née Mizzi, imwieled Tas-Sliema u resident San Ġwann (KI 385855M) flimkien ma' martu Margaret Risso, bint Joseph Doublet u Vincenza née Montfort, imwielda Tal-Pietà u toqgħod San Ġwann (KI 147056M) vs Sylvia Borg, mart il-mejjet Kostantino Borg, bint Charlie Turner u Antonia née Borg, imwielda San Ġiljan fid-dsatax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sebgħa u erbgħin (19/8/1947) u toqgħod Ta' Giorni, San Ġiljan (KI

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 25th June, 2025, following a request by Robert Risso et vs Deputy Curators to represent the unknown direct and sub direct owners filed in the records of the schedule of deposit number 1293/2025 in the names Robert Risso et vs Sylvia Borg et and Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit, payment of arrears and redemption of groundrent, number 1293/2025 in the names of Robert Risso, son of Louis and Maria Dolores née Mizzi, born in Tas-Sliema and residing in San Ġwann (ID 385855M) together with his wife Margaret Risso, daughter of Joseph Doublet and Vincenza née Montfort, born in Tal-Pietà and residing at San Ġwann (ID 147056M) vs Sylvia Borg, wife of the late Kostantino Borg, daughter of Charlie Turner and Antonia née Borg, born at St Julian's on the nineteenth August of the year one thousand nine hundred

0726447M); Marianne Spiteri, mart Carmelo Spiteri, bint Charlie Turner u Antonia née Borg, imwielda San Ġiljan u toqgħod San Ġwann (KI 375349M) u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil direttarji u subdirettarji oħrajn mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-20 ta' Ġunju, 2025, fejn Robert Risso (KI 385855M) u Margaret Risso (KI 147056M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti akkwistaw l-garaxx bla isem u bla numru però indikat mhux uffiċjalment bin-numru 6, illum 21, fi Triq Nicholas Monserrat, f'Ta' Giorni fil-limiti ta' San Ġiljan, mingħajr l-arja tiegħu però bil-front garden permezz tal-kuntratt datata 24 ta' Novembru, 2009, fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (Dok. A u B);

Illi l-garaxx kien deskritt bħala suġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' €2.33 mill-bqija liberu u frank;

Illi l-esponenti m'għandhomx kuntatt mad-direttarji kollha u għalkemm saret riċerka ampja, ma setgħux jiġu ntraċċati d-direttarji u s-subdirettarji kollha;

Illi għalhekk kontestwalment ma' din iċ-ċedola, l-esponenti qegħdin jippreżentaw rikors għal ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw numru ta' persuni li l-esponenti m'għandhomx kuntatt magħhom;

Illi mill-informazzjoni li għandhom l-esponenti, l-ishma tal-intimata Sylvia Borg huwa ta' 41.07% u l-ishma tal-intimata Marianne Spiteri huwa ta' 5.36%, filwaqt li r-rimanenti persentaġġ jappartjenu lid-direttarji u subdirettarji oħrajn mhux magħrufa;

Illi l-esponenti jridu li jifdu ċ-ċens li hemm mgħobbi fuq il-fond u għalhekk qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija mill-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 1501;

Illi s-somma ta' €2.33 kapitalizzat bil-5% jammonta għal (€46.60 filwaqt li ċ-ċens annwu u perpetwu għal dawn l-aħħar 5 snin jammonta għal €11.65, għat-total ta' €58.25.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €58.25 rappreżentanti ta' kwalunkwe ċens gravanti l-proprjetà kapitalizzati bil-ħamsa fil mija (5%), kif ukoll inkluż l-arretrati, liema somma għandha tiġi liberament żbankata mill-intimati u dan skont dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Esponenti: Robert u Margaret Risso, 129, St Anthony Street, San Ġwann

and forty seven (19/8/1947) and residing at Ta' Giorni, St Julian's (ID 0726447M); Marianne Spiteri, wife of Carmelo Spiteri, daughter of Charlie Turner and Antonia née Borg, born in St Julian's and residing at San Ġwann (ID 375349M) and Deputy Curators to represent the unknown direct owners and other sub-direct owners, filed in the First Hall of the Civil Court on the 20th June, 2025, the applicants Robert Risso (ID 385855M) and Margaret Risso (ID 147056M) respectfully submitted:

That the applicants acquired the garage without name and without number but unofficially indicated with number 6, today 21, in Triq Nicholas Monserrat, Ta' Giorni in the limits of St Julian's, without its airspace but with the front garden by means of a contract dated 24th November, 2009, in the records of Notary Pierre Falzon (Doc. A and B);

That the garage was described as subject to its rate of annual and perpetual groundrent of €2.33 otherwise free and unencumbered;

That the applicants do not have any contact with all the direct owners and although extensive research were carried out, all the direct owners and sub-direct owners could not be traced;

That thus together with this schedule of deposit, the applicants are filing an application for the appointment of deputy curators to represent a number of persons with whom the applicants have no contact;

That from the information held by the applicants, the shares of the respondent Sylvia Borg are 41.07% and the shares of the respondent Marianne Spiteri are 5.36%, while the remaining percentage belong to the unknown direct and other sub-direct owners;

That the applicants wish to redeem the groundrent burdening the premises and thus they are availing themselves of the faculty given by Cap. 16 of the Laws of Malta, Article 1501;

That the sum of €2.33 capitalised at 5% amounts to €46.60 while the annual and perpetual groundrent for the last 5 years amounts to €11.65, for the total of €58.25.

Thus, the applicants are asking this Honourable Court so that under its authority they deposit the sum of €58.25 representing any groundrent regarding the property capitalised at five per cent (5%), as well as the arrears, which sum is to be freely withdrawn by the respondents and this according to those provisions that this Honourable Court deems fit.

Applicants: Robert and Margaret Risso, 129, St Anthony Street, San Ġwann

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arġisqof, Il-Belt Valletta

Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Sylvia Borg, 10, Sqaq is-Siġra, San Ġiljan

Marianne Spiteri, Belle Veder, San Luigi Camilleri, San Ġwann

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Ġunju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Notification: Director Public Registry – Triq l-Arġisqof, Valletta

Director Land Registry, 116, Triq il-Punent, Valletta

Sylvia Borg, 10, Sqaq is-Siġra, St Julian's

Marianne Spiteri, Belle Veder, San Luigi Camilleri, San Ġwann

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD, Doctor of Laws.

Today 25th June, 2025

Registry of the Superior Courts, today 16th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1900

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 2024, fuq talba ta' Vincent Borg et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien tad-direct u subdirett dominju mhux magħruf fl-atti taċ-ċedola numru 314/2024 fl-ismijiet Vincent Borg et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 314/2024 fl-ismijiet Vincent Borg, pensjonant iben Henry Borg u Frances née Sammut, imwieled Tal-Pietà (KI 108659M) u Antonia Borg, mart l-istess Vincent Borg, pensjonanta bint Alfred Mifsud u Teresa née Micallef, imwielda Ħaż-Żebbuġ (KI 25457M) it-tnejn residenti Ħaż-Żebbuġ vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 13th February, 2024, following a request by Vincent Borg et vs Deputy Curators to represent the unknown direct and sub direct owners, in the records of the schedule of deposit number 314/2024 in the names Vincent Borg et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 314/2024 in the names of Vincent Borg, pensioner, son of Henry Borg and Frances née Sammut, born in Tal-Pietà (ID 108659M) and Antonia Borg, wife of the same Vincent Borg, pensioner, daughter of Alfred Mifsud and Teresa née Micallef, born in Ħaż-Żebbuġ (ID 25457M), both residing in Ħaż-Żebbuġ vs Deputy Curators

lis-sidien tad-dirett dominjuj u subdirett dominju mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla, tal-Qorti fis-7 ta' Frar, 2024, fejn Vincent Borg (KI 108659M) u martu Antonia Borg (KI 25457M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond bla numru iżda bl-isem L-Għabex kif ukoll garaxx bla numru li jinsabu fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ (Dok. A);

Illi l-fond L-Għabex, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, id-dar matrimonjali tal-konjuġi, ġiet akkwistata minn Antonia Borg qabel iż-żwieġ mingħand missierha Alfred Mifsud permezz tal-kuntratt datat 3 ta' Settembru, 1981, fl-atti tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba suġġett għar-rata ta' subċens annwu u perpetwu ta' Lm20 (Dok. B);

Illi l-garaxx bla numru, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, ġie akkwistat minn Vincent Borg mingħand Joseph Mifsud permezz tal-kuntratt datat 5 ta' Frar, 1990, fl-atti tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba suġġett għar-rata ta' subċens annwu u perpetwu ta' Lm7.69,0 (Dok. C);

Illi l-esponenti jridu li jifdu ċ-ċens li hemm mgħobbi fuq il-fond u għalhekk qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija mill-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta artikolu 1501;

Illi s-sidien tad-dirett u subdirett dominju mhumiex mgħarrfa u għalhekk kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens u subċens qiegħed jiġi sottomess ukoll rikors ta' ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien tad-dirett u subdirett dominju;

Illi ċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu jammonta għal Lm27.69 li huwa ekwivalenti għal €64.5 kapitalizzat bil-5% jammonta għal €1290.00.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €1290.00 rappreżentanti taċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu kapitalizzat bil-5% gravanti fuq il-fond hawn fuq imsemmi, liema somma għandha tiġi liberament rilaxxata favur is-sidien tad-dirett u s-subdirett dominju u dan skont dawk il-provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Esponenti: L-Għabex, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

to represent the unknown the owners of the unknown direct and sub-direct dominium, filed in the First Hall of the Civil Court on the 7th February, 2024, the applicants Vincent Borg (ID 108659M) and his wife Antonia Borg (ID 25457M) respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the premises without number but with the name L-Għabex as well as an unnumbered garage situated in Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ (Doc. A);

